## ŻWIEĠ BLA DIVORZJU – SKEMA 2

## IL-LEĠIŻLAZZJONI TAD-DIVORZJU TNAQQAS IN-NUMRU TAL-KOABITANTI?

Wieħed mill-argumenti li jġibu dawk li huma favur il-leġislazzjoni tad-divorzju huwa li fil-pajjiż hawn diżordni soċjali għaliex hawn koabitanti li ma jistgħux jerġggħu jiżżewwġu u bosta twelid barra ż-żwieġ. Jgħidu li għalhekk id-dħul tad-divorzju jirranġa din id-diżordni. Dan l-argument inġieb kważi fil-pajjiżi kollha u f'Malta wkoll:

a) Think Tank – Mr. Martin Scicluna: *Re-marriage after legal separation would provide greater stability in our society by minimizing the damage from earlier failure and avoiding the adverse social consequences from any subsequent relationships that may be formed* (par. 23).

b) Onor. J. Pullicino Orlando ukoll isemmi l-istess raġuni.

Iżda dak li jidher loġiku, fil-fatt ma jseħħx. Kulfejn iddaħħlet il-leġislazzjoni tad-divorzju,

i) Ir-rata taż-żwieġ naqset, meta suppost żdiedet għaliex ikun hemm min jiżżeweġ aktar minn darba u
ii) Ir-rata tal-koabitazzjoni u tat-twelid barra ż-żwieġ żdiedu, meta suppost li naqsu għaliex il-koabitanti jkunu jistgħu jerġgħu jiżżewwġu.

<u>**Ftit Fatti**</u>

1. **Awstralja**

- Susan Linacre, Acting Australian Statistician, tikkwota lil R. Parker[1]:

> *"Decreases in marriage rates and increases in divorce rates over the past twenty years have resulted in changing family structures within Australia. Increases in the proportions of babies being born outside registered marriages and increases in cohabitation provide evidence that registered marriage as the traditional social institution for family formation is declining"*.

| | **1986** | **2005** |
|---|---|---|
| ***Żwiġijiet*** kull 1000 persuna | 7.2 | 5.4 |
| ***Divorzji*** kull 1000 persuna | 2.5 | 2.6 |

[1] SUSAN LINACRE, *Lifetime Marriage and Divorce Trends*, AUSTRALIAN BUREAU OF STATISTICS, *Australian Social Trends* (2007) p.1

- Ruth Weston u Lixia Qu[2] studjaw kif kienu qed isiru r-relazzjonijiet u bbażaw l-analiżi fuq iċ-Ċensiment tal-2006. Sabu li

| **20-24 sena** | **1996** | **2006** |
|---|---|---|
| Irġiel f'relazzjoni ta' koabitazzjoni | 58% | 75% |
| Nisa f'relazzjoni ta' koabitazzjoni | 46% | 65% |

- Fil-popolazzjoni ġenerali l-koabitazzjoni żdiedet:

| | |
|---|---|
| 1986 | 6% |
| 1991 | 8% |
| 1996 | 10% |
| 2001 | 12% |
| 2006 | 15% |

Dan minkejja li fl-Awstralja sa mill-1975 hemm *no fault divorce*.

2. **Irlanda**

Skond iċ-Ċensiment 2006 hemm 210,000 koppja koabitanti minkejja l-divorzju daħal fl-1997. Din il-figura turi żjieda ta' 56% fl-aħħar erba' snin[3].

3. **Renju Unit**

- 2002 *General Household Survey* jagħti l-istess stampa li l-leġislazzjoni tad-divorzju mhux talli ma naqqsetx il-koabitazzjoni, talli żdiedet[4]. Dawn huma l-fatti dwar nisa bejn 18 u 49 sena:

| | 1979 | 2002 |
|---|---|---|
| Miżżewwġin | 74% | 49% |
| *Single* | 18% | 38% |
| Mhux miżżewwġa u jikkoabitaw | 11% | 29% |
| Fost is-*Single* jikkoabitaw | 8% | 31% |
| Divorzjati u jikkoabitaw | 20% | 35% |

- Dan il-HBS jagħti informazzjoni wkoll fuq is-sitwazzjoni tal-ulied. Fl-2004, 66% tal-ulied kienu jgħixu ma' ġenituri miżżewwġin waqt li 11% kienu jgħixu ma' koppji koabitanti.

[2] RUTH WESTON – LIXIA QU, *An Update on Partnership Formation Trends: What does the 2006 Census Suggest?* in AUSTRALIAN INSTITUTE OF FAMILY STUDIES, *Family Relationship Quarterly* 6, p. 16-19.

[3] Ara IONA INSTITUTE, *Domestic Partnerships – A Response to Recent Proposals on Civil Unions*, Dublin 2007, p. 16. Ir-rapport jagħmel rimarka fuq dan il-punt li persentaġġ għoli ta' barranin li jgħixu fl-Irlanda jikkoabitaw.

[4] Ara online at http://www.statistics.gov.uk/CCI/nugget.asp?ID=824&Pos=3&ColRank=2&Rank=224

4. **Stati Uniti**

In-numru ta' miżżewwġin  qiegħed jonqos u mill-1970 sal-2007 iż-zwieġijiet naqsu b'50 fil-mija [5].  Parti minn dan it-tnaqqis huwa minħabba li bosta qed jiżżewwġu aktar tard u l-eta' medja taż-żwieġ bejn l-1960 u l-2007 telgħet minn 20 ghal 23 fin-nisa u minn 26 għal 28 fl-irġiel[6].

Fatturi oħra li affettwaw dan it-tnaqqis fiż-żwiġijiet huwa iż-żieda fil-persuni li  jikkoabitaw flok jiżżewwġu.  It-tnaqqis fir-rata taż-żwieġ ma jfissirx li n-nies qed igħażlu li ma jkollhomx sieħeb jew sieħba sesswali. Fil-fatt il-koabitazzjoni bla żwieġ żdiedet b'rata mgħaġġla[7] u llum dawn ilaħħqu mal-ħdax-il miljun persuna[8]. Dan ifisser li 8.1 fil-mija tal-koppji huma koppji eterosesswali  mhux miżżewwġa.

5. **Kanada**

Fil-Kanada ir-rata ta' żwiġijiet kull elf persuna wkoll naqset sew matul iż-żmien[9]:

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1921 | 1931 | 1941 | 1951 | 1961 | 1971 | 1981 | 1991 | 2001 | 2003 |
| 7.9 | 6.4 | 10.6 | 9.2 | 7 | 8.9 | 7.6 | 6.1 | 4.73 | 4.7 |

Hawnhekk ukoll l-istess dokument igħid li filwaqt li r-rata taż-żwieġ niżlet, fl-istess ħin żdiedet ir-rata ta' dawk li ma jiżżewwġux jew *common-law households*[10].

6. **Pajjiżi Oħra**

Dan jidher li huwa dak li ġara fil-pajjiżi l-oħra wkoll li rata taż-żwiġijiet naqset għal kull elf persuna[11]:

| | **Kanada** | **Italja** | **Franza** | **Ġermanja** | **Renju Unit** | **Ġappun** | **Russja** | **Stati Uniti** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **1975** | 8.5 | 6.7 | 7.3 | --- | 7.7 | 8.4 | 10.7 | 10.0 |
| **2003** | 4.7 | 4.5 | 4.6 | 4.6 | 5.1 | 5.8 | 7.6 | 7.7 |

[5] WILCOX BRADFORD (ed.) *The State of Our Unions: Marriage in America 2009*, Institute for American Values, University of Virginia, (2010) p. 68. Il-paragun f'din l-istatistika jsir bejn kemm jiżżewwġu nisa minn kull elf mara minn 15-il sena 'l fuq.

[6] Biex ikun magħruf aħjar kemm dan it-tnaqqis fir-rata taż-żwieġ ġej minħabba li n-nies qed jiżżewwġu f'eta' akbar, sar tqabbil bejn il-persuni li għandhom bejn 35 u 44 sena u li huma miżżewwġin. Hawn ukoll jirriżulta tnaqqis ta' 22 fi-mija fil-miżżewwġin. Ibid. p.69.

[7] Ibid. p.69

[8] *Marriage and Divorce in America,* Real Relational Solutions Fact Sheets, 2007 p.1.

[9] *Indicators of Well-Being in Canada, Family Life – Marriage, http://www4.hrsdc.gc.ca/.3ndic.1t.4r@-eng.jsp?iid=78#M_1.*

[10] Ibid.

[11] Ibid.

Il-kritika li ssir għal dawn il-figuri hija li dawn dawn l-istatistiċi li jippruvawx li rata taż-żwieġ naqset u r-rata tal-koabitazzjoni żdiedet kaġun tal-leġislazzjoni tad-divorzju. It-tweġiba hija din:

1. Hemm studji li juru li l-leġislazzjoni tad-divorzju kienet kaġun ta’ żjieda fit-tkissir taż-żwieġ.
2. Imma anke kieku dan ma jkunx ippruvat, xorta wieħed jista’ jgħid li l-introduzzjoni tal-leġislazzjoni tad-divorzju ma tkunx solviet il-problema soċjali tal-koabitazzjoni.